**Qorti tal-Magistrati (Għawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum, it-Tlieta, 2 ta' April 2019**

**Rikors Guramentat numru 70/1993JVC**

**Joseph Portelli f'ismu proprju u bhala prokuratur ta' l-imsiefra Bernardette Logan; Carmen Vella; Pawla Buttigieg bhala prokuratrici ta' Kathleen Mazzotta**

**vs**

**Rita Portelli; Pawlu Portelli; William Portelli u b'digriet tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Marzu elfejn u ghaxar (2010) Dr Kevin Mompalao gie nominat kuratur deputat ghan-nom tal-assenti William Portelli; Peter Paul Portelli**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat fejn l-atturi ppremettew:

Peress illi fit-8 ta' Jannar 1983 miet Salvu Portelli missier il-kontendenti Portelli u nannu tal-attrici Kathleen Mazzotta (Dok A) b'zewg testmenti unica charta ma' martu, Maria Portelli, ghand in-Nutar John Gambin wiehed tal-4 ta' Jannar 1983 u l-iehor tas-6 ta' Jannar 1983 li bihom wara li halla diversi legati nnomina lil uliedu kollha bhala eredi universali fi kwoti ndaqs bejniethom barra lill-konvenuta, Rita Portelli u l-attrici Kathleen Portelli illum mart Umberto Mazzotta, unica tifla tat-tifel premort John Portelli, li hallilhom l-legittima skont il-ligi u flimkien ma' martu legat ta' tmien mitt lira (Lm800) kull wahda (Dok B, C);

U peress illi fl-14 ta' April 1990 mietet Maria Portelli, omm u nanna rispettiva tal-kontendenti (Dok D) biz-zewg testmenti unica charta ma' zewgha fuq imsemmija li bihom hi wkoll nnominat lill-uliedha eredi universali b'esklusjoni ta' Rita Portelli u Kathleen Mazzotta li lilhom halliet biss il-legittima u flimkien ma zewgha legat ta' Lm800; u b'testment iehor tad-29 ta' Lulju 1989 atti Nutar Paul Pisani (Dok E) li bih wara li kkonfermat iz-zewg testmenti taghha precedenti halliet xi legati lill-konvenut Pawlu Portelli;

U peress illi l-atturi ma jridux jibqghu jippossedu aktar in komun il-beni derivanti lilhom mill-wirt tal-genituri;

Talbu li l-konvenuti jghidu lil din l-Onorabbli Qorti ghalfejn ma ghandhiex:

1. Tillikwida l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti gia ezistenti bejn il-konjugi Salvu u Maria Portelli billi jigi dikjarat li jikkonsisti f'dawk il-beni li jirrizultaw fil-kors tal-kawza;

2. Ghaliex dawn l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti ma ghandhomx jigu divizi f'zewg porzjonijiet ugwali li jigu assenjati porzjoni lill-assi ereditarju tal-mejjet Salvu Portelli u porzjon lill-assi ereditarju ta' Maria Portelli;

3. Jigi likwidat l-assi ereditarju ta' Salvu Portelli billi jigi dikjarat li jikkonsisti fin-nofs il-komunjoni tal-akkwisti kif likwidata u dawk il-fondi parafernali li jirrizultaw fil-kors tal-kawza;

4. Jigi likwidat l-assi ereditarju ta' Maria Portelli billi jigi dikjarat li jikkonsisti f'nofs l-komunjoni tal-akkwisti kif likwidata u f'dawk il-fondi parafernali li jirrizultaw fil-kors tal-kawza;

5. Tigi likwidata l-legittima mhollija lil Rita Portelli u Kathleen Mazzotta mill-eredita ta' Salvu Portelli;

6. Tigi likwidata l-legittima mhollija lill-istess Rita Portelli u Kathleen Mazzotta mill-eredita' ta' Maria Portelli;

7. Il-legittimi hekk likwidati ghandhom jigu mhallsa lill-istess Rita Portelli u Kathleen Mazzotta skont il-ligi;

8. Wara li jithallsu l-legittimi u l-legati u ssir l-immissjoni fil-pussess ta' l-istess legati, ma ghandux ir-residwu tal-assi ereditarju ta' Salvu Portelli kif wkoll dak tal-assi ereditarju ta' Maria Portelli jigi diviz f'sitt porzjonijiet ugwali u dawn assenjati porzjoni kull wiehed lis-sitt kontendenti l-ohra;

9. Jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjonijiet u divizjoni kif mitluba, nutar biex jippubblika l-att opportun fil-hin, lok u gurnata li jigu ffissati minn din il-Qorti u kuraturi deputati ghall-eventwali kontumaci.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Peter Paul Portelli illi eccepixxa:

1. Illi huwa jaqbel li ssir id-divizjoni msemmija fic-citazzjoni purche li qabel xejn jigu verifikati l-kwoti tal-partijiet u l-konsistenza tal-assi rispettivi.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Rita Portelli illi eccepiet:

1. Illi hija trid li fil-likwidazzjoni tal-legittima lilha dovuti jidhlu l-legati, donazzjonijiet li l-mejtin genituri taghha hallew lil uliedhom;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Pawlu Portelli f'ismu proprju u bhala prokuratur tal-imsiefer huh William Portelli illi eccepixxa:

1. Illi huwa proprju et nomine jaqbel illi ssir id-divizjoni msemmija fic-citazzjoni bil-kundizzjoni pero' li qabel jigu verifikati sewwa l-kwoti rispettivi tal-kontendenti u l-konsistenza tal-assi li hemm in divizjoni u dana wara li jigu konferiti l-legati mhollija mill-mejtin konjugi Portelli;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Rat ix-xhieda, affidavits, dokumenti, kuntratti, pjanti, ritratti, rapport u provi kollha esebiti fl-atti;

Rat ir-rapport tal-Perit Legali l-Avukat Marco A. Ciliberti u tal-Perit Tekniku AIC Alan Saliba prezentat fl-atti sbatax-il sena wara l-ewwel nomina tal-esperti datat 21 ta' Ottubru, 2011 a fol. 387 et seq tal-process;

Rat illi fil-verbal tat-2 ta' Novembru, 2018 il-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub f'termini mposti fuqhom;

Rat id-diversi sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti f'istanzi varji tal-kawza;

Rat l-atti kollha.

**<u>Ikkunsidrat</u>**

**<u>Fatti:</u>**

Illi din il-kawza si tratta minn talba ghad-divizjoni tal-beni appartenenti lid-defunt Salvatore sive Salvu Portelli li gie nieqes nhar it-8 ta' Jannar, 1983 (certifikat tal-mewt a fol. 10 tal-process) u ta' martu Maria Portelli nee' Sammut li giet nieqsa nhar l-14 ta' April, 1990 (certifikat tal-mewt a fol. 20

tal-process). Di piu' din il-kawza tinvolvi wkoll il-likwidazzjoni u l-hlas tal-legittima lilll-konvenuta Rita Portelli (bint Salvatore u Maria konjugi Portelli) u tal-attrici Kathleen Mazzotta (neputija ta' Salvatore u Maria konjugi Portelli u bint unika tal-premort John Portelli) kif ukoll il-hlas tal-legati.

**Testmenti:**

Illi l-wirt u successjoni ta' Salvatore u martu Maria Portelli huwa regolat b'zewg testmenti *unica carta* datati 4 ta' Jannar, 1983 (esebit a fol. 11 sa fol. 15) u 6 ta' Jannar, 1983 (esebit a fol. 16 sa fol. 19) entrambi fl-atti tan-Nutar John Gambin. Dawn iz-zewg testmenti, gew segwiti minn testment iehor maghmul minn Maria Portelli wara li romlot datat 29 ta' Lulju, 1989 fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani (esebit a fol. 21 sa fol. 22).

*Rizultanzi miz-zewg testmenti unica carta ta' Salvu u Maria konjugi Portelli datati 4 ta' Jannar, 1983 u 6 ta' Jannar, 1983 entrambi fl-atti tan-Nutar John Gambin:*

Illi primarjament bit-testmenti *unica carta* taghhom, il-konjugi Portelli hallew reciprokament l-uzu, l-uzufrutt u t-tgawdija ta' dak kollu li huma kienu jipposjedu fil-gurnata tal-mewt taghhom, kif ukoll kienu ezentaw lil xulxin mill-obbligu tal-inventarju u tal-prestazzjoni tal-kawzjoni rikjesta mil-ligi.

Illi barra dan huma hallew diversi prelegati lil uliedhom Paolo sive Pawlu, Carmela sive Carmen mart Valent Vella, William, Pietru sive Peter Paul u Joseph filwaqt li lil binthom Rita Portelli u lil Kathleen Mazzotta bint il-premort binhom Giovanni hallewlhom il-legittima flimkien ma' legat ta' tmien mitt lira Malin (Lm 800) lil kull wahda minnhom.

Illi lil binhom **Paolo Portelli** li fil-mori tal-kawza jigi msejjah ukoll bhala Pawlu, hallewlu taht titolu ta' prelegat is-segwenti proprjetajiet:

1. Bicca raba′ tal-kejl ta′ cirka nofs tomna u nofs siegh fi Triq Hida, Nadur (li tinsab hdejn id-dar ta′ l-istess Salvu u Maria konjugi Portelli u ta′ ohtu Bernarda llum Logan);
2. Bicca raba′ tal-kejl ta′ cirka nofs tomna msejha ‘Ta′ Fuq ir-Rieh tal-Hofra′, fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex li tmiss Nofsinhar ma′ beni ta′ Beline, Tramuntana ma′ beni tal-werrieta ta′ Giovanni Said u Punent ma′ passagg pubbliku.

Illi lil binthom **Carmela sive Carmen mart Valent Vella**, hallewlha taht titolu ta′ prelegat is-segwenti:

1. Bicca art fi Triq Hida, Nadur tal-kejl ta′ mija u sitta u hamsin pied tul (156 pied) li tmiss ma′ gid ta′ l-istess Salvu u Maria konjugi Portelli u ma′ gid ta′ Michelina Azzopardi;
2. Il-lok ta′ djar bin-numru 32 u bieb iehor bla numru fi Triq Hida, Nadur b′cirka tomna raba′ annessa mieghu. Ma′ dan il-legat hemm inkluz l-oggetti *‘in limine intus′* ad eccezzjoni ta′ flus u kotba rapprezentanti flus; u
3. Bicca raba′ tal-kejl ta′ madwar tomna msejha ‘Ta′ Majsel′, fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex li tmiss mit-Tramuntana ma′ passagg pubbliku, Lvant ma′ beni tat-testatur, Punent ma′ beni ta′ binhom iehor Joseph u Nofsinhar ma′ beni ta′ Salvatore Mifsud.

Illi ghandu jinghad li dawn il-prelegati thallew lil Carmela sive Carmen mart Valent Vella flimkien ma′ huwha William Portelli fi kwoti ugwali u ndivizi bejniethom.

Illi lil binhom **William Portelli**, hallewlu taht titolu ta′ prelegat is-segwenti:

1. Bicca art fi Triq Hida, Nadur tal-kejl ta′ mija u sitta u hamsin pied tul (156 pied) li tmiss ma′ gid ta′ l-istess Salvu u Maria konjugi Portelli u ma′ gid ta′ Michelina Azzopardi;
2. Il-lok ta′ djar bin-numru 32 u bieb iehor bla numru fi Triq Hida, Nadur b′cirka tomna raba′ annessa mieghu. Ma′ dan il-legat hemm

inkluz l-oggetti '*in limine intus*' ad eccezzjoni ta' flus u kotba rapprezentanti flus; u

3. Bicca raba' tal-kejl ta' madwar tomna msejha 'Ta' Majsel', fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex li tmiss mit-Tramuntana ma' passagg pubbliku, Lvant ma' beni tat-testatur, Punent ma' beni ta' binhom iehor Joseph u Nofsinhar ma' beni ta' Salvatore Mifsud.

Illi ghandu jinghad kif gia suespost li dawn il-prelegati thallew lil William Portelli flimkien ma' ohtu Carmela sive Carmen mart Valent Vella fi kwoti ugwali u ndivizi bejniethom.

Illi lil binhom **Pietru sive Peter Paul Portelli**, hallewlu taht titolu ta' prelegat is-segwenti:

1. Bicca raba' imsejha 'Tax-Xiha', tal-kejl ta' madwar erba' (4) sieghan, fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex li tikkonfina Tramuntana ma' passagg Pubbliku, Nofsinhar ma' sqaq pubbliku, u Punent ma' beni ta' Angelo Buttigieg; u
2. Bicca raba' imsejha 'Taz-Zunzan', fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex tal-kejl ta' madwar zewg sieghan, tmiss Lvant ma' beni ta' Giovanni Said, Tramuntana ma' beni ta' Carmelo Portelli, Nofsinhar ma' beni ta' Pawlu Rapa maghruf bhala 'Ta' Cini';
3. Bicca art tal-kejl ta' sieghajn (2) u tliet (3) kejliet mill-art maghrufa bhala 'Tal-Pejxa' minn art akbar tal-kejl komplessiv ta' tliet (3) sieghan u tliet (3) kejliet cirka li tinsab hdejn il-Knisja z-zghira ta' Karkanja, fin-Nadur, hdejn il-Pjazza ta' San Pietru u San Pawl. L-art tmiss minn Nofsinhar ma' triq gdida li twassal ghal Triq il-Knisja u Lvant ma' beni ta' certu bniedem 'Ta' Sebghu'.

Illi lil binhom **Joseph Portelli**, hallewlu taht titolu ta' prelegat is-segwenti:

1. Bicca raba' maghrufa bhala 'Ta' Zeppu' li tifforma parti minn raba' ohra msejhin 'Ta' Majza' fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex. Dawn jikkonfinaw minn Nofsinhar ma' beni ta' Carmelo Azzopardi, Lvant ma' beni tal-legatarju, Tramuntana ma' beni ta' certu bniedem

imlaqqam 'Ta' Naksu" u Punent ma' beni ta' Salvu u Maria konjugi Portelli, li jgibu l-kejl ta' madwar zewg sieghan. Jikkonsistu f'ifilsa kbira u zewgt ifilsa zghar;

2. Bicca raba' imsejha 'Ta' Gaduza' li tifforma parti minn raba' ohra msejhin 'Ta' Majza' fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex li tikkonfina Nofsinhar ma' passagg pubbliku, Lvant ma' beni tal-legatarju u Tramuntana ma' beni ta' Carmelo Azzopardi. Dawn ir-raba' ghandhom il-kejl ta' madwar siegh u kejla u nofs;
3. Tliet (3) bicciet raba' kontigwi u adjacenti, b'passaggi bejniethom imsejha 'Ta' Pastollina' li jiffurmaw parti minn raba' ikbar imsejha 'Ta'Majza' fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex tal-kejl komplessiv bejniethom ta' madwar seba' (7) kejliet u jmissu Nofsinhar ma' passagg pubbliku, Tramuntana ma' beni ta' wiehed certu 'Luigi tal-Bettieha' kunjomu Vella u Punent ma' passagg pubbliku.

Illi wkoll fl-imsemmija zewg testmenti *unica carta* huma hallew bhala werrieta universali taghhom f'ishma ndaqs bejniethom lil sitt (6) ulied (huma kellhom tmienja (8) b'kollox) b'dawn ikunu Paolo sive Pawlu Portelli, Carmela sive Carmen Vella, William Portelli, Pietru sive Peter Paul Portelli, Joseph Portelli u Bernarda Logan bis-sostituzzjoni favur uliedhom u ulied uliedhom, u in mankanza ta' dawn bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom. Huma gew ukoll ezentati mill-kollazzjoni u mill-obbligu tal-imputazzjoni. Kif gia nghad l-iben l-iehor Giovanni miet qabel it-testaturi u lil bintu Kathleen Mazzotta t-testaturi hallewlha l-legittima u legat ta' tmien mitt Lira Maltin (Lm800) u l-istess hallew lil binthom l-ohra Rita Portelli.

*Rizultanzi mit-testment ta' Maria Portelli maghmul wahidha datat 29 ta' Lulju, 1989 fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani:*

Illi in aggunta maz-zewg testmenti appena citati, Maria Portelli wara li romlot ghamlet testment iehor datat 29 ta' Lulju, 1989 fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani li permezz tieghu hija kkonfermat *in toto* t-testmenti precedenti maghmulin ma' zewgha Salvu Portelli u dan sa fejn jaqblu mal-prezenti testment.

Illi permezz ta' dan it-testment hija halliet lil **Paolo sive Pawlu Portelli** taht titolu ta' prelegat, bid-dritt tas-sostituzzjoni volgari ta' wliedhu:

(a) il-flus kollha u t-titoli kollha li jirrapprezentaw flus li fl-epoka ta' mewtha jkunu depozitati f'isimha f'xi bank jew istituzzjoni finanzjarja ohra; kif ukoll
(b) is-sehem ossia kull dritt spettanti lilha mill-wirt u successjoni tal-ġenituri taghha Pawlu u Carmela konjugi Portelli.

Ghandu jinghad li dan il-prelegat thalla bhala hlas tas-servigi, kuri u assistenzi gia prestati mill-prelegatarju u ta' dawk li setghu jigu prestati fil-futur u ser jigi diskuss aktar 'il isfel f'din id-decizjoni.

**Proprjeta' appartenenti lil Salvatore u Maria konjugi Portelli:**

*Elenku tal-proprjeta' ta' Salvu u Maria konjugi Portelli mhollija lil uhud mill-ulied bhala prelegati:*

1. Plot maghruf bhala 'Tal-Pejxa' fi Triq Piju Cellini Nadur. Fuq parti minn din il-plot hemm mibnija d-dar ta' Pietru Portelli bl-isem ta' 'Cameo';
2. Bicca raba' tal-kejl ta' cirka nofs tomna u nofs siegh fi Triq Hida, Nadur;
3. Fond bin-numru 32, fi Triq Hida, Nadur, Ghawdex, b'bicca raba' ta' kejl ta' madwar tomna li tigi fuq wara tal-fond bin-numru 32 fi Triq Hida, Nadur;
4. Bicca art fi Triq Hida, Nadur tal-kejl ta' mija u sitta u hamsin pied tul (156 pied);
5. Raba' maghruf bhala 'Ta Majza' drabi ohra maghruf wkoll bhala 'Ta' Pastollina', fin-Nadur;
6. Raba' maghruf bhala 'Ta Majza' drabi ohra maghruf wkoll bhala 'Ta' Gadura', fin-Nadur;
7. Raba' maghruf bhala 'Ta Majza' drabi ohra maghruf wkoll bhala 'Ta' Zeppu', fin-Nadur;

8. Raba' maghruf bhala 'Ta Majza' drabi ohra maghrufa wkoll bhala 'Ta' Fuq ir-Rih tal-Hofra', fin-Nadur;
9. Raba' maghruf bhala 'Ta Majza' fin-Nadur;
10. Raba' maghruf bhala 'Ta Majza' drabi ohra maghruf wkoll bhala 'Taz-Zunzan', fin-Nadur;
11. Raba' maghruf bhala 'Ta Majza' drabi ohra maghruf wkoll bhala 'Tax-Xiha', fin-Nadur.

Illi mill-atti jirrizulta li fir-rigward tal-punt numru 1. Plot maghruf bhala 'Tal-Pejxa' fi Triq Piju Cellini, Nadur – il-Perit Tekniku AIC Alan Saliba ndika li fuq parti minn din il-plot hemm mibnija d-dar ta' Pietru Portelli bl-isem ta' 'Cameo'. Il-Perit Tekniku ndika li l-prelegat imholli lil Pietru Portelli kien ta' sighajn mentri l-art okkupata mid-dar tieghu 'Cameo' kienet tokkupa iktar minn hekk. Jirrizulta izda waqt il-mori tal-kawza u precizament waqt id-depozizzjoni moghtija in eskussjoni tal-istess Perit Alan Saliba (a fol. 707 sa fol. 714) li Pietru Portelli ghandu f'idejh bhala kejl ezatt kemm gie lilu mholli bhala prelegat minn missieru Salvu u ommu Maria konjugi Portelli u cioe' sighajn u tliet kejliet (kemm fil-verita' hemm fuq il-post). Difatti huwa jindika waqt ix-xhieda in eskussjoni li huwa semma' l-kejl ta' sighajn ghaliex il-partijiet waqt l-access indikawlu dak il-qies.

'**<u>L-Avukat Dr Deborah Mercieca:</u>**
Jigifieri inti qed tghid illi, mela ara, il-klient tieghi kien imholli bi prelegat, zewg sighan u tliet kejliet. U ..
**<u>Ix-Xhud:</u>**
Il-klient tieghek, sorry, minhu?
**<u>L-Avukat Dr Deborah Mercieca:</u>**
Il-klijent tieghi hu Peter Paul Portelli.
**<u>Ix-Xhud:</u>**
Sewwa. U daqshekk ghandu.
**<u>L-Avukat Dr Deborah Mercieca:</u>**
Sewwa. U ghalhekk il-prelegat ma' kienx ta' sighan.
**<u>Ix-Xhud:</u>**

> Ehhe imma dik all right, jien fir-rapport nizzilt illi l-prelegat kien ta' three seven five (375) square meters, sighajn, imma ghax qaluli l-partijiet waqt l-access li ghandu sighajn, imma fil-verita', ghandhu skont il-pjanta li ghadni kif semmejt, *Doc JPX one* mar-rapport ghandhu four three one (431) square meters. ...'

*Eredita' Salvatore Portelli:*

Illi skont ir-rapport tal-Perit Legali Dr Marco A. Ciliberti u tal-Perit Tekniku AIC Alan Saliba (a fol. 387 sa fol. 538 tal-process), l-eredita' partikolari ta' Salvu Portelli kienet tikkonsisti fis-segwenti:

(i) Nofs indiviz tas-segwenti Immobbli (formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti):

1. Plot 'Tal-Pejxa', Triq Piju Cellini, Nadur, Ghawdex **(valur 1983: €4,700, 1990: €18,800, 2011: €150,000)**;
2. Plot iehor 'tal-Pejxa', fi Triq Piku Cellini, Nadur **(valur 1983 €10,200: 1990: €40,600 2011: €325,000)**;
3. Mahzen, Triq ta' Hida, Nadur, Ghawdex **(valur 1983: €29,200 1990: €58,300 2011: €175,000)**;
4. 32, Triq ta' Hida, Nadur **(valur 1983: €81,700 1990: €163,300 2011: 490,000)**;
5. Art fuq wara ta '32, Triq ta' Hida, Nadur **(valur 1983: €11,700 1990: €23,300, 2011: €70,000);**
6. Raba' 'Tal-Wilga', Triq ta' Bordin, Xewkija, Ghawdex **(valur 1983: €25,000, 1990: 50,000, 2011: 150,000)**;
7. Raba' 'Tal-Bitha', Triq il-Qala, Ghajnsielem, Ghawdex **(valur 1983: €11,700, 1990: €23,300, 2011: €70,000)**;
8. Raba' ohra 'Tal-Bitha', Triq il-Qala, Ghajnsielem, Ghawdex **(valur 1983: €5,800 1990: €11,700, 2011: €35,000)**;

9. Raba' 'Ta' Fuq ta' Majza', Nadur, Ghawdex drabi ohra maghruf wkoll bhala 'Id-Dahla tal-Hanaq' **(valur 1983: €500, 1990: €1,000 2011: €3,000)**;
10. Raba' 'Ta' Majza' maghruf wkoll bhala 'Ta Pastollina', Nadur **(valur 1983: €100 1990: €200 2011: €700)**;
11. Raba' 'Ta Majza' maghrufa wkoll nhala 'Ta Gadura', Nadur **(valur 1983: € 300, 1990: €500, 2011: € 1,500);**
12. Raba' 'Ta' Majza' maghrufa wkoll bhala 'Ta' Zeppu', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: €400, 1990: €800, 2011: € 2,300);**
13. Raba' 'Ta' Majza' maghruf wkoll bhala 'Il-Habel tal-Kamra', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 700, 1990: €1,300, 2011: € 4,000);**
14. Raba' 'Ta' Majza', maghrufa wkoll bhala 'Ta Fuq ir-Rih tal-Hofra', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: €300, 1990: €500 2011: €1,500)**;
15. Raba' 'Ta' Majza', Nadur **(valur 1983: €800, 1990: €1500, 2011: €4,500)**;
16. Raba' Ta' Majza' maghrufa wkoll bhala 'Tal-Medda', Nadur **(valur 1983: €900, 1990: € 1,700, 2011: € 5,200)**;
17. Raba' 'Ta' Majza' maghrufa wkoll bhala 'Taz-Zunzan', Nadur **(valur 1983: €300, 1990: €700, 2011: €2,000)**;
18. Raba' Ta' Majza' maghurfa wkoll bhala 'Tax-Xiha', Nadur**(valur 1983: €500, 1990: €1,000 2011: €3,000)**;
19. Raba' ohra 'Ta' Majza', Nadur **(valur 1983: € 1,500, 1990: €3,000, 2011: € 9,000)**;
20. Raba 'Ta' Majza' maghrufa wkoll bhala 'Tal-Habel tad-Dwieli', Nadur **(valur 1983: € 800, 1990: €1,700 2011: € 5,000)**;
21. Raba ulterjuri 'Ta' Majza', Nadur**(valur 1983: € 700, 1990: € 1,300 2011: €4,000)**;
22. Raba' 'Tac-Conk', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: €500, 1990: €900 2011: €2,700)**;
23. Raba' ohra 'Tac-Conk', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: €200, 1990: € 400, 2011: € 1,200)**;
24. Raba' 'Ta' Majza' maghruf wkoll bhala 'Tal-Kiesah t'Isfel', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 1,300, 1990: € 2,600, 2011: € 7,700)**;
25. Raba' 'Tal-Hanaq', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 1,500, 1990: € 3,000, 2011: €9,000)**;

26. Raba' 'Ta' Patist', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: €400, 1990: € 700, 2011: € 2,200)**;
27. Raba' 'Ta' Pastul', 'Tar-Ramla' sive 'Ta' Ghajn Qasab', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 400, 1990: € 700, 2011: €2,200)**;
28. Raba' 'Tat-Tork', 'Tar-Ramla' sive 'Ta' Ghajn Qasab', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 400, 1990: € 700, 2011: € 2,100)**;
29. Raba' 'Ta' Ghajn Qasab', Triq ir-Ramla, Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 200, 1990: € 400, 2011: € 1,300)**;
30. Raba' ohra 'Ta' Ghajn Qasab', Triq ir-Ramla, Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 300, 1990: € 500, 2011: € 1,500)**;
31. Raba' ulterjuri 'Ta' Ghajn Qasab', Triq ir-Ramla, Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 100, 1990: € 200, 2011: € 700)**;
32. Raba' 'Tar-Ramla ta' Fuq, 'Tar-Ramla' sive 'Ta' Ghajn Qasab', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 300, 1990: € 500, 2011: € 1,600)**;
33. Raba' 'Ta' Wied Bingemma', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 400, 1990: € 800, 2011: € 2,300)**;
34. Raba' ohra 'Ta' Wied Bingemma', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 300, 1990: € 700, 2011: € 2,000)**;
35. Raba' 'Ta' Wied Xhajma', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 200 1990: 400, € 2011: € 1,200**

Valur Total: **1983: € 194,300 1990: €417,000 2011: €1,548,400**

(ii) Elenku tal-mobbli/depositi ma' banek/investimenti finanzjarji appartenenti lil Salvu Portelli:

Illi skont ir-rapport imsemmi, Salvu Portelli kellu wkoll assi ohrajn konsistenti f'investimenti u f'depoziti bankarji u oggetti mobbli. Dawn kienu jikkonsistu fis-segwenti:

1. 25% savings account MMB714403990;
2. 50% fixed deposit MMBI123365;
3. 50% fixed deposit MMB X106973;
4. 50% mini minor (ebda valur kurrenti);
5. 50% Aggregation;

6. 50% Aggregation;
7. 50% Aggregation;
8. 50% Savings MMB 114404;
9. 50% Cheque CBM;
10. 50% MMB X112;
11. 50%MGSB;
12. 50% Ghamara;
13. 50% MMB Savings;
14. 50% MMB X100776;
15. 50% bank account with Joseph Portelli (deciz li mhux parti mill-eredita)
16. Aggregations from Sale;
17. Investment 106.068.544.

Illi din il-Qorti tirrileva li b'referenza ghall-punt numru '<u>15. 50% bank account with Joseph Portelli'</u> u b'korrezzjoni ghall-imsemmi rapport, jirrizulta mill-atti illi fuq il-kont bankarju msemmi kien hemm kawza bic-citazzjoni numru 29/81PC fl-ismijiet **Joseph Portelli vs Paul Portelli et** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri nhar l-1 ta' Dicembru, 2000 (a fol. 610 sa fol. 615 tal-process) fejn dan gie dikjarat li l-flus misjuba fl-imsemmi kont kienu proprjeta' esklussiva ta' Joseph Portelli biss. Is-sentenza giet appellata, madanakollu l-appell ma giex ikkawtelat u ghalhekk gie ddikjarat dezert u ordnat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell il-kancellament tieghu minn fuq il-lista tal-kawzi (ara verbal a fol. 609 tal-process). Ghaldaqstant jirrizulta li dan il-kont ghandu jinqata' mill-assi mobbli ta' Salvu Portelli.

Dwar il-vettura mini minor hemm qbil fl-atti li din illum ma tiswa xejn izda l-Qorti ma taqbilx li allura *per conseguenza* l-valur taghha ghandu jigi eliminat mill-assi mobbli u dan f'dawk l-istanzi fejn din il-Qorti fil-kalkoli taghha trid thares lejn il-valuri fil-gurnata tal-mewt u mhux illum il-gurnata.

(iii) Proprjeta' parafernali ta' Salvu Portelli:

Illi skont ir-rapport tal-Perit Legali Dr Marco A. Ciliberti u tal-Perit Tekniku AIC Alan Saliba (a fol. 387 sa fol. 538 tal-process), Salvu Portelli **ma kellu l-ebda proprjeta' parafernali** (ara a fol. 447 tal-process).

Elenku tad-djun ta' Salvu Portelli:

1. Spejjez relatati mal-funeral.

*Eredita' ta' Maria Portelli:*

(i) Proprjeta' immobbli:

Illi skont ir-rapport tal-Perit Legali Dr Marco A. Ciliberti u tal-Perit Tekniku AIC Alan Saliba (a fol. 387 sa fol. 538 tal-process), l-eredita' partikolari ta' Maria Portelli kienet tikkonsisti fis-segwenti:

Nofs indiviz tas-segwenti (formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti):

1. Plot 'Tal-Pejxa', Triq Piju Cellini, Nadur, Ghawdex **(valur 1983: €4,700, 1990: €18,800, 2011: €150,000)**;
2. Plot iehor 'tal-Pejxa', fi Triq Piku Cellini, Nadur **(valur 1983 €10,200: 1990: €40,600 2011: €325,000)**;
3. Mahzen, Triq ta' Hida, Nadur, Ghawdex**(valur 1983: €29,200 1990: €58,300 2011: €175,000)**;
4. 32, Triq ta' Hida Nadur **(valur 1983: €81,700 1990: €163,300 2011: 490,000)**;
5. Art fuq wara ta '32, Triq ta' Hida, Nadur **(valur 1983: €11,700 1990: €23,300, 2011: €70,000);**
6. Raba' 'Tal-Wilga', Triq ta' Bordin, Xewkija, Ghawdex **(valur 1983: €25,000, 1990: 50,000, 2011: 150,000)**;

7. Raba' 'Tal-Bitha', Triq il-Qala, Ghajnsielem, Ghawdex **(valur 1983: €11,700, 1990: €23,300, 2011: €70,000)**;
8. Raba' ohra 'Tal-Bitha', Triq il-Qala, Ghajnsielem, Ghawdex **(valur 1983: €5,800 1990: €11,700, 2011: €35,000)**;
9. Raba' 'Ta' Fuq ta' Majza', Nadur, Ghawdex drabi ohra maghruf wkoll bhala 'Id-Dahla tal-Hanaq' **(valur 1983: €500, 1990: €1,000 2011: €3,000)**;
10. Raba' 'Ta' Majza' maghruf wkoll bhala 'Ta Pastollina', Nadur **(valur 1983: €100 1990: €200 2011: €700)**;
11. Raba' 'Ta Majza' maghrufa wkoll nhala 'Ta Gadura', Nadur **(valur 1983: € 300, 1990: €500, 2011: € 1,500);**
12. Raba' 'Ta' Majza' maghrufa wkoll bhala 'Ta' Zeppu', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: €400, 1990: €800, 2011: € 2,300);**
13. Raba' 'Ta' Majza' maghruf wkoll bhala 'Il-Habel tal-Kamra', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 700, 1990: €1,300, 2011: € 4,000);**
14. Raba' 'Ta' Majza', maghrufa wkoll bhala 'Ta Fuq ir-Rih tal-Hofra', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: €300, 1990: €500 2011: €1,500)**;
15. Raba' 'Ta' Majza', Nadur **(valur 1983: €800, 1990: €1500, 2011: €4,500)**;
16. Raba' Ta' Majza' maghrufa wkoll bhala 'Tal-Medda', Nadur **(valur 1983: €900, 1990: € 1,700, 2011: € 5,200)**;
17. Raba' 'Ta' Majza' maghrufa wkoll bhala 'Taz-Zunzan', Nadur **(valur 1983: €300, 1990: €700, 2011: €2,000)**;
18. Raba' Ta' Majza' maghurfa wkoll bhala 'Tax-Xiha', Nadur**(valur 1983: €500, 1990: €1,000 2011: €3,000)**;
19. Raba' ohra 'Ta' Majza', Nadur **(valur 1983: € 1,500, 1990: €3,000, 2011: € 9,000)**;
20. Raba 'Ta' Majza' maghrufa wkoll bhala 'Tal-Habel tad-Dwieli', Nadur **(valur 1983: € 800, 1990: €1,700 2011: € 5,000)**;
21. Raba ulterjuri 'Ta' Majza', Nadur **(valur 1983: € 700, 1990: € 1,300 2011: €4,000)**;
22. Raba' 'Tac-Conk', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: €500, 1990: €900 2011: €2,700)**;
23. Raba' ohra 'Tac-Conk', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: €200, 1990: € 400, 2011: € 1,200)**;

24. Raba' 'Ta' Majza' maghruf wkoll bhala 'Tal-Kiesah t'Isfel', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 1,300, 1990: € 2,600, 2011: € 7,700)**;
25. Raba' 'Tal-Hanaq', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 1,500, 1990: € 3,000, 2011: €9,000)**;
26. Raba' 'Ta' Patist', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: €400, 1990: € 700, 2011: € 2,200)**;
27. Raba' 'Ta' Pastul', 'Tar-Ramla' sive 'Ta' Ghajn Qasab', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 400, 1990: € 700, 2011: €2,200)**;
28. Raba' 'Tat-Tork', 'Tar-Ramla' sive 'Ta' Ghajn Qasab', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 400, 1990: € 700, 2011: € 2,100)**;
29. Raba' 'Ta' Ghajn Qasab', Triq ir-Ramla, Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 200, 1990: € 400, 2011: € 1,300)**;
30. Raba' ohra 'Ta' Ghajn Qasab', Triq ir-Ramla, Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 300, 1990: € 500, 2011: € 1,500)**;
31. Raba' ulterjuri 'Ta' Ghajn Qasab', Triq ir-Ramla, Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 100, 1990: € 200, 2011: € 700)**;
32. Raba' 'Tar-Ramla ta' Fuq, 'Tar-Ramla' sive 'Ta' Ghajn Qasab', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 300, 1990: € 500, 2011: € 1,600)**;
33. Raba' 'Ta' Wied Bingemma', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 400, 1990: € 800, 2011: € 2,300)**;
34. Raba' ohra 'Ta' Wied Bingemma', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 300, 1990: € 700, 2011: € 2,000)**;
35. Raba' 'Ta' Wied Xhajma', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 200 1990: 400, € 2011: € 1,200**

Valur Total: **1983: € 194,300 1990: €417,000 2011: €1,548,400**

(ii) Elenku tal-mobbli/depoziti ma' banek/investimenti finanzjarji appartenenti lil Maria Portelli:

Illi skont ir-rapport imsemmi, Maria Portelli kellha wkoll assi ohrajn konsistenti f'investimenti u f'depoziti bankarji u oggetti mobbli. Dawn kienu jikkonsistu fis-segwenti:

1. 50% NSB Investment Account 106068544;

2. 50% NSB Investment Account 106068545;
3. 50% MMB X133967;
4. 50% Pitkali Cheque;
5. 50% Pitkali Cheque;
6. 50% Cheque CBM;
7. 50% Cheque MMB;
8. 50% MGSB;
9. 50% Ghamara;
10. 50% MMB;
11. 50%MMB;
12. 50% Mini Minor (ebda valur kurrenti);
13. 50% MMB X100776;
14. 50% Aggregation;
15. 50% Aggregation;
16. 50% Aggregation;
17. Savings.

Hemm qbil bejn il-partijiet li l-assi ndikati bhala pitkali cheques ghandhom jigu eliminati mil-lista.

*(iii) Proprjeta' parafernali ta' Maria Portelli:*

Illi skont ir-rapport tal-Perit Legali Dr Marco A. Ciliberti u tal-Perit Tekniku AIC Alan Saliba (a fol. 387 sa fol. 538 tal-process), Maria Portelli **kellha 1/8 tas-segwenti proprjeta' parafernali**:

1. Proprjeta' maghrufa bhala 'Taz-Ziemel', fi Sqaq fi Triq tad-Duru, Nadur, Ghawdex;
2. Plot, fi Triq tad-Duru, Nadur, Ghawdex.

Illi jirrizulta mill-atti processwali li ghalkemm il-periti tal-Qorti elenkaw il-proprjeta' suesposta bhala proprjeta' parafernali ta' Maria Portelli, fil-fatt jirrizulta li din il-proprjeta' giet mibjugha minn Maria Portelli inter-vivos w'ghaldaqstant ma kinitx ghadha tifforma parti mill-assi taghha fid-data tal-mewt.

Illi wkoll jigi rielvat li fir-rapport taghhom il-periti tal-Qorti naqsu milli jidentifikaw diversi proprjetajiet ohra parafernali li jirrizulta li kienu gejjin mill-wirt u successjoni tal-genituri tal-istess Maria Portelli. Din il-proprjeta′ giet identifikata f′kuntratt ta′ divizjoni datat 3 ta′ Novembru, 2016 fl-atti tan-Nutar Valerie Said (esebit fl-atti) ippublikat fil-mori tal-kawza odjerna.

Fil-fatt jirrizulta li permezz tal-kuntratt ta′ divizjoni datat 3 ta′ Novembru, 2016 fl-atti tan-Nutar Valerie Said il-partijiet qasmu bejniethom dik il-proprjeta′ illi kienet tappartjeni lil ommhom Maria Portelli u li wirtet minghand il-genituri taghha Paul u Carmela Sammut. Jirrizulta wkoll li fl-istess kuntratt gie stabbilit l-ammont illi kellu jithallas u li di fatti gie mhallas lill-intimata Rita Portelli kif ukoll lill-attrici Kathleen Mazzotta bhala legittima fuq dan is-sehem fl-ammont ta′ erbat elef Euro (€4000) kull wiehed. Difatti giet assenjata proprjeta′ shiha lill-attur odjern Pawlu Portelli permezz tal-kuntratt tat-3 ta′ Novembru 2016 (fol. 723 sa fol. 739) u Rita Portelli u Kathleen Mazzotta thallsu l-legittima fl-ammont ta′ erbat elef Euro (€4000) kull wiehed.

Il-Qorti tirrileva wkoll li ai termini tat-testment ta′ Maria Portelli maghmul wahedha datat 29 ta′ Lulju, 1989 fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani hija kienet halliet lil Paolo sive Pawlu Portelli taht titolu ta′ prelegat, bid-dritt tas-sostituzzjoni volgari ta′ wliedu s-sehem ossia kull dritt spettanti lilha mill-wirt u successjoni tal-genituri taghha Pawlu u Carmela Sammut liema prelegat jinghad fit-testment li thalla bhala hlas tas-servigi, kuri u assistenzi gia prestati mill-prelegatarju u ta′ dawk li setghu jigu prestati fil-futur. Appuntu fil-fatt fil-kuntratt ta′ divizjoni jinghad kif isegwi:

*′It-Tielet Porzjon li ser tigi assenjata lill-komparenti Paul Portelli bhala erediti tas-sehem ta′ ommu Maria Portelli mill-wirt u s-successjoni tal-genituri taghha Paul u Carmel konjugi Sammut:-*

- *Parti diviza mill-porzjon art imsejha ′Ta′ Sola′ fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex . . . . tal-valur ta′ mija u tlieta u sittin elf u mitt Ewro (€163,100).′*

Jinghad ukoll li:

*'il-komparenti kollha barra Paul Portelli qeghdin jassenjaw u jittrasferixxu b'titolu ta' divizjoni, lill-istess Paul Portelli, illi jaccetta u jiehu minghandhom ghas-saldu tal-kwota spettanti lilu mill-fondi in divizjoni provenjenti mill-wirt u s-successjoni ta' Paul u Carmela konjugi Sammut, bhala eredi ta' ommu Maria Portelli, it-Tielet prozjoni.'*

Il-Qorti tirrileva f'dan l-istadju li f'dak il-kuntratt il-partijiet kollha fil-kawza odjerna kienu partijiet fil-kuntratt u qablu ma' dak li kien qed jigi dikjarat u ppublikat.

A fol. 734 fl-istess kuntratt jinsab dikjarat kif isegwi:

*'Il-komparenti Paul Portelli qieghed hawn prezenzjalment ihallas lill-komprenti Rita Portelli u Grace Galea nomine l-ammont ta' erbat elef Euro (€4000) kull wiehed, rapprezentanti l-legittima dovuta lilhom fuq is-sehem ta' ommhom Maria Portelli li wirtet minghand il-genituri taghha Paul u Carmela konjugi Sammut. In vista ta' dan il-pagament Rita Portelli u Grace Galea nomine qeghdin jirrinuzjaw ghad-dritt taghhom li jiehdu l-legittima taghhom in natura.*

*Il-partijiet jiddikjaraw illi dawn l-ammonti mhallsa bhala legittima lil Rita Portelli u Grace Galea nomine jirraprezentaw il-legittima dovuta fuq il-proprjeta' in divizjoni biss u qed jithallsu minghajr pregudizzju tal-pretensjonijiet tal-partijiet fil-kawza bin-numru sebghin tas-sena elf disa' mija u tlieta u disghin (70/1993) fl-ismijiet Joseph Portelli et vs. Rita Portelli et pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex).'*

Dwar il-kwistjoni tas-servigi din il-Qorti tiddiskuti u tiddeciedi dwar l-istess aktar 'il isfel f'din id-decizjoni.

*(iv) Elenku tad-djun ta' Maria Portelli:*

1. Spejjez relatati mal-funeral.

2. Hlas ghal servigi rezi:

Illi dwar is-servigi, l-avukat tal-attur Paolo Portelli jissottometti f'wahda min-noti tieghu b'risposta ghar-rapport tal-esperti legali li l-konkluzjoni tal-periti li ma ngabet l-ebda prova ta' xi djun tad-defunta Mara Portelli hija manifestament zbaljata u dan b'referenza ghal-legati mhollija mill-istess Maria Portelli lil Paolo Portelli bhala hlas ta' dak dovut lilu ghas-servigi rezi lilha favur ta' ommu (gia msemmija aktar 'il fuq).

Illi fl-atti tressqu affidavits tal-partijiet sabiex jikkontestaw jew isostnu s-servigi rezi minn Paolo Portelli lil ommu Maria Portelli. Il-partijiet l-ohra sostnew fl-affidavits taghhom li ghalkemm huwa minnu li Maria Portelli ghamlet perjodu ta' hames (5) snin tghix ma' Paolo Portelli, skont huma, din ma kellha bzonn ghajnuna ta' xejn anzi dejjem skont hut Paolo Portelli hija kienet tahdem ma' Paolo Portelli u sahansitra ssajjar ghall-familja. Fl-istess hin izda rrizulta li hut Paolo Portelli, li taw din ix-xhieda, ftit li xejn kienu jkunu fid-dar ta' Paolo Portelli min ghax ommu ma kinitx tkellmu u min ghax kien imsiefer. Minn naha l-ohra Paolo Portelli u martu Agnes Portelli esebew affidavits dettaljati fejn spjegaw l-ghajnuna li huma taw lil Maria Portelli wara li hames snin qabel il-mewt taghha hija wegghet saqajha u ghamlet zmien ta' xhur twal bil-'wheel chair', konsegwentement bil-hadida u baqghet sa mewtha bzonn l-ghajnuna biex timxi. Jirrizulta minn din ix-xhieda li l-ghajnuna u lil Maria Portelli ma tawhiex biss Paolo Portelli u martu izda anki wliedhom li dejjem kienu jaraw li Maria Portelli qatt ma tithalla wahedha d-dar u li bil-lejl ikunu maghha u jkollha l-ghajnuna sabiex tkun tista' taghmel il-bzonnijiet taghha. Illi din il-Qorti tqis li fil-kontro-ezamijiet estensivi taghhom Paolo Portelli u Agnes Portelli baqghu dejjem konsistenti fix-xhieda taghhom dwar is-servigi li huma rrendew lil Maria Portelli w'ghalhekk tqis li l-atturi ma nrexxielhomx jippruvaw lil din il-Qorti sal-grad rikjest mil-ligi li huma rrendew servigi estensivi lil Maria Portelli. Min-naha l-ohra din il-Qorti tqis li l-legat tal-proprjeta' immobbli derivanti mill-wirt tal-genituri ta' Maria Portelli bhala

hlas tas-servigi rezi (li fil-fatt inghata l-valur ta' mija u tlieta u sittin Elf u mitt Euro (€163,100) fil-kuntratt ta' divizjoni uq imsemmi) ghall-perjodu ta' hames snin huwa bizzejjed sabiex jissodisfa l-hlas tal-istess servigi w'ghalhekk il-legat l-iehor tal-assi mobbli depozitati fil-banek jew istituzzjonijiet finanzjarji bhala hlas ghal servigi rezi qed jigi dikjarat null b'dana li dawn l-assi mobbli ghandhom jirritornaw sabiex jifformaw parti mill-assi ereditarji tal-mejta Maria Portelli.

Ghaldaqstant in vista ta' din il-konkluzjoni l-Qorti tqis li l-argument imqajjem mill-attur Paolo Portelli li l-kalkolazzjoni tal-legittima ma ghandux jiehu kont tal-legati li l-omm halliet lill-istess Paolo Portelli stante li dan jikkwalifika bhala dejn tal-eredita' huwa gjustifikat biss fir-rigward tal-proprjeta' immobbli deskritta izda mhux l-assi mobbli u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess argument biss b 'referenza ghall-assi mmobbli.

**L-istitut tal-Legittima:**

Illi l-Istitut tal-Legittima (illum maghruf bhala sehem riservat) huwa llum regolat bl-artikoli 615 *et seq* tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan il-kaz, il-legittima tispetta lil Rita Portelli u lil Kathleen Mazzotta bint il-mejjet Giovanni Portelli, u dan hekk kif ordnat permezz taz-zewg testmenti *unica carta* tal-konjugi Portelli datati 4 ta' Jannar, 1983 u 6 ta' Jannar, 1983 fl-atti tan-Nutar John Gambin.

Peress li l-konjugi Portelli gew nieqsa fit-8 ta' Jannar, 1983 u fl-14 ta' April, 1990, huwa car li ghandhom japplikaw l-artikoli msemmija kif kienu vigenti qabel ma gew fis-sehh l-emendi bl-Att XVIII ta' l-2004, hekk kif inhu espressament dikjarat fid-disposizzjoni tranzitorja, jiggifieri l-artikolu 116(2) tal-Att imsemmi.

Dan l-artikolu jaghmilha cara, li l-emendi fl-artikoli tal-Kodici Civili ghandhom japplikaw:

*"dwar successjonijiet li jsehhu wara li l-istess artikoli jingiebu fis-sehh"*

u ghalhekk ma jaffetwawx wirt li nfetah qabel dik id-data. Per konsegwenza, dak li ghandha quddiemha din il-Qorti llum huwa wirt ta' din ix-xorta u cioe', wirt li jirrisali ghal qabel l-emendi fil-ligi. Ghalhekk il-vertenza mertu ta' din il-kawza ghandha titqies fl-isfond tad-dispozizzjonijiet kif artikolati qabel l-emendi ntrodotti bl-Att imsemmi.

Illi ghal dak li huma principji legali relatati ma' hlas tal-legittima, il-Qorti sejra taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Dorothy Grech mart Emanuel vs Deborah Fenech De Fremaux** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili nhar il-5 ta' Mejju 2011. F'din is-sentenza l-Qorti ssenjalat il-principji ewlenin applikabbli kif isegwi:

> "*Il-ligi* [qabel ma giet emendata bl-Att XVIII ta' l-2004] *kienet tqis is-sehem rizervat bhala parti mill-gid tal-mejjet (quota bonorum) u mhux bhala sehem mill-wirt tieghu (hereditatis portio) u ghalhekk il-legittimarju ma kienx semplici kreditur tal-wirt u lanqas ma kien mistenni li jaghmel tajjeb ghad-djun tieghu (ghalkemm l-ammont ta' djun tal-wirt ihallu effett fuq is-sehem tal-legittima li l-legittimarju jkollu jedd jircievi)...Il-legittimarju jrid jitlob il-legittima minghand min ikun inhatar (jew accetta li jkun) werriet, u ghandu l-jedd jistenna li l-gid li minnu jinghata s-sehem rizervat tieghu jkun ghadu fl-istat kif kien jinsab fil-waqt tal-mewt tad-decuius (App. Civ.* ***10.6.1949*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Farrugia noe et vs Mintoff noe et*** *(Kollez. Vol:* ***XXXIII.i.472****);*

*Illi jsegwi li jdejalment il-legittima trid tinghata in natura (P.A.* ***22.5.1950*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Wismayer et vs Wismayer et*** *(Kollez. Vol:****XXXIV.ii.574****), jigifieri tkun maghmula minn fost il-hwejjeg mill-gid tal-mejjet li jew jkunu ghadhom jaghmlu parti mill-assi tieghu mal-mewt, jew ikunu ddahhlu jdejalment lura fil-wirt jekk il-mejjet ikun matul hajtu ddispona b'liberalita' minn izjed minn dak li taghtih il-liġi. Is-sehem riżervat jinhadem fuq il-wirt kollu (maghdud dak li t-testatur ikun ta b'xejn matul hajtu wkoll bi hsieb ta' z-zwieg (Art. 620(3) tal-Kap 16)), wara li jitnaqqsu d-djun u l-ispejjez tal-funeral (Art. 620(2) tal-Kap 16) u dak il-gid kollazzjonabbli li l-legittimarju jkun ha minghand it-testatur (Art. 620(4) tal-Kap 16), u tinghata fi proprjeta' shiha mehlusa minn kull piz jew kondizzjoni (Art. 620(1) tal-Kap 16). Fuq kollox, is-sehem rzżervat jigi mghoddi b'assenjazzjoni u mhux bit-tlugh tax-xorti* ***(P.A. 7.1.1967 fil-kawza fl-ismijiet Scicluna et vs Meli et (Kollez. Vol: LI.ii.696);***

**...**

*Illi huwa principju accettat ukoll li s-sehem rizervat inissel il-jedd ghall-imghaxijiet favur min ghandu jedd ghalih. Tali mghax jibda ghaddej minn dakinhar li jinfetah il-wirt, imma jitqies biss fuq is-sehem li jkun imiss lil-legittimarju u mhux fuq il-gid kollu tal-wirt* ***(P.A. 16.5.1950 fil-kawza fl- ismijiet Said vs Borg Grech noe et (Kollez. Vol: XXXIV.ii.568);***

*Illi fi kwestjoni li tolqot il-likwidazzjoni tas-sehem rizervat huwa gudizzjarjament stabbilit li l-kriterju tal-valutazzjoni tal-gid kellu jkun dak ta' kemm kien jiswa tali gid fiz-zmien li nfetah il-wirt u fil-kundizzjoni li tali gid kien dak iz-zmien, u b'mod izjed preciz: "li, ghall-finijiet tal-operazzjoni preliminari ta' komputa li hija r-*

*riunjoni fittizja tal-assi ereditarju in kwantu diretta ghar-rikostruzzjoni tal-patrimonju kollu tad-decuius (li l-ligi tikkunsidra bhala terminu ta' riferiment ghad-determinazzjoni tal-kwota disponibbli u, b'rifless ta' dik indisponibbli, anke biex talvolta tigi affermata jew eskluza l-ezistenza tal-lezjoni tal-legittima)* ***bilfors*** *wiehed irid jirriporta ruhu ghall-valuri fiz-zmien tal-apertura tas-successjoni, tenut kont, naturalment, f'dan ir-rigward, tad-dispozizzjonijiet rilevanti tal-ligi relattivi ghall-kollazzjoni". Izda, "jekk il-leġittima ma ġietx sodisfatta u, trattandosi ta' beni in natura (mhux flus), ikkonvertiet ruhha, fil-kazijiet fejn dan hu konsentit mil-ligi, fi dritt ta' kreditu fi flus, id-dritt tal-legittimarju ghandu bhala oggett "un bene reale" u l-"aestimatio rei" gh**andha tkun riferita ghaz-zmien tal-konverżjoni,** cioe' z-zmien l-iktar qrib possibbli ghall-pronunzja gudizzjali u tenut kont ghalhekk* ***ta' xi sopravenuta svalutazzjoni monetarja****" (**App. Civ. 10.12.1973 fil-kawża fl-ismijiet Concetta Vella et vs Giuseppe Buġeja et (mhix pubblikata);***

*Illi tali fehma tibqa' ssehh ukoll jekk kemm-il darba l-jedd tas-sehem rizervat ma jkunx gie sodisfatt bla htija tal-parti li ghandha jedd ghalih u jkun inbidel fi dritt ta' kreditu li jithallas fi flus bhala "aestimatio rei". (**App. Civ. 14.12.1973 fil-kawża fl-ismijiet Emilia Mifsud et vs Eleonora Mizzi noe et** (mhix pubblikata). Izda, f'dak il-kaz, il-valur ghandu jkun iqarreb il-valur tal-gid fiz-zmien tal-likwidazzjoni tas-sehem rizervat (**App. Civ. 28.1.2005 fil-kawza fl-ismijiet Mary Anne Zammit et vs Antonia Ellul et).***

*Dawn il-kriterji kollha jfissru li, fl-ezercizzju tal-likwidazzjoni tal-assi ereditarju ghall-finijiet li jigi stabbilit is-sehem rizervat, wiehed ma jistax iqis il-potenzjal jew il-possibilitajiet ta' dak il-gid fil-*

*gejjieni (ikun kemm ikun probabbli li jizdied il-valur tieghu). Dan johrog ukoll mill-fatt li l-jedd ghas-sehem rizervat jitnissel mal-ftuh tas-successjoni u huwa marbut sfiq ma' dik il-grajja fil-qafas taz-zmien li tkun sehhet;"*

**Konsiderazzjonijiet relatati mal-Legittima:**

Illi fid-dawl tal-principji appena enuncjati, il-legittima li minnha l-attrici Kathleen Mazzotta u l-konvenuta Rita Portelli jisthoqqilhom jircievu trid tinhadem fuq il-valur tal-beni tal-missier/nannu Salvu Portelli u tal-omm/nanna Maria Portelli fil-kundizzjoni li kienu jinstabu fiha mal-ftuh tal-wirt taghhom, ossia fit-8 ta' Jannar, 1983 u fl-14 ta' April, 1990 rispettivament.

Illi fl-ezercizzju sabiex tistabbilixxi x'inhu dovut lill-attrici Kathleen Mazzotta u l-konvenuta Rita Portelli bhala legittima, din il-Qorti trid tqis, anke in virtù ta' dak mitlub minnha fl-ewwel talba attrici, il-valur tal-beni formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn l-konjugi Portelli xolta bil-mewt ta' Salvu Portelli u taqsamhom f'zewg porzjonijiet indaqs li wahda minnhom tigi assenjata lill-assi tal-mejjet Salvu Portelli u l-ohra tigi assenjata lill-assi tal-mejta Maria Portelli.

Illi ai fini tal-kalkolu tal-legittima favur l-attrici Kathleen Mazzotta u l-konvenuta Rita Portelli, u fit-termini tal-hames u tas-sitt talba attrici, din il-Qorti trid konsegwentement tillikwida l-ereditá ta' Salvu Portelli u Maria Portelli billi tara kemm kienu jiswew l-assi parafernali taghhom dakinhar ta' mewthom jekk ezistenti (u b'eskluzjoni izda tal-assi mmobbli parafernali ta' Maria Portelli derivanti mill-wirt tal-genituri taghha stante li kif gie deciz aktar 'il fuq dawn jikwalifikaw bhala dejn tal-komunjoni

f'servigi) maghdud ma' sehemhom fil-komunjoni tal-akkwisti, kemm dak *relictum* kif ukoll dak *donatum* (art 620(3) Kap. 16) u tnaqqas il-gid kollezzjonabbli.

Il-Qorti trid ukoll tqis jekk, bid-diversi legati mhollija mit-testaturi konjugi Portelli, kienx hemm lezjoni tal-legittima dovuta lill-attrici Kathleen Mazzotta u l-konvenuta Rita Portelli billi tiddetermina s-sehem li t-testaturi setghu jiddisponi minnu. Dan ghandu jigi kalkolat skont kif jiddisponi s-sub-inciz (c) tal-Artikolu 648 tal-Kodici Civili. Skont dan l-artikolu, dan is-sehem tat-testaturi jigi kalkolat billi jingabru l-beni msemmija fis-sub-incizi (a) u (b) tal-imsemmi artikolu 648 u minnhom "jittiehed qies tal-jeddijiet ta' dawk li ghandhom jedd b'ligi ta' sehem mill-beni tieghu, skont id-disposizzjonijet ta' l-artikoli 615 sas- 646. L-artikoli 615 sa 646 jirregolaw il-legittima moghtija mil-ligi u l-legittima portio moghtija mil-ligi lill-konjugi superstiti u tfal illegittimi. Ghalhekk dak li ghandu jittiehed qies mis-sehem tat-testaturi sabiex jigi stabbilit dak is-sehem li huma setghu jiddisponu minnu ai termini tal-imsemmi artikolu 648(c) tal-Kodici Civili, huwa l-jedd tal-legittima moghti b'ligi lill-atturi bhala d-dixxendenti tat-testaturi missierhom u ommhom kif regolat bl-artikoli 615 sa 630.

Illi fid-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali fl-ismijiet **L-Avukat Chris Said noe vs Mary Abela pro et noe** kif konfermata mill-Qorti tal-Appell permezz ta' sentenza moghtija fit-28 ta' Mejju 2010, spjegat fid-dettal kif tali sehem ghandu jigi determinat u stabbilit li:

> *"l-punt tat-tluq hu dak li jissejjah bhala rijunjoni fittizzja. Permezz*

*ta' dan l- ezercizzju preliminari jsir kalkolu tal-ammont li t-testatur seta' jiddisponi minnu (disposable portion) u l-parti li ma setax jiddisponi minnha. Din mhi xejn ghajr likwidazzjoni tal-gid tat-testatur. B'dan il-mod ikun jista' jiġi determinat jekk fir-realta' kienx hemm lezjoni tas-sehem riservat. Dan l-ezercizzju jrid isir b'dan il-mod:-*

. *(a) Fl-ewwel lok ghandhom jingabru l-beni kollha fi zmien tal-ftuh tas-successjoni (relictum) u jinghata l-valur taghhom fiz-zmien tal-apertura tas-suċċessjoni;*

. *(b) Minn dan l-ammont ghandu jinqata' d-dejn;*

. *(c) Mill-bilanc li jibqa' ghandu jizdied il-valur tal-beni li t-testatur ikun ta b'donazzjoni ("Such addition is necessary because the portion of the deceased's property was saved by law in favour of certain persons cannot be diminished by any disposition under a gratuitous title. The legitima portio is computed on the whole estate of the deceased, viz on the property which would have existed at the time of his death had he made no donations. The said addition is a fictitious one, a mere calculation which however may necessitate an actual addition for the purpose of the abatement, if it results that the donations made by the deceased exceed the disposable portion. Subject to addition is any property given on donation to any person whatsoever, including those to whom the legitima portio is due, even if the testator has exempted any of the said persons from imputing the property received on donation to their rights" (Prof. Caruana Galizia fin-Notes on Law of Succession, pġgna 1021).*

*Fl-Artikolu 648(b) tal-Kodiċi Ċivili jinghad li din il-proprjeta' "shall be fictitiously added" mehud in konsiderazzjoni tal-valur tal-*

*proprjeta' fi zmien tal-apertura tas-successjoni izda fil-kondizzjoni li kienet meta nghatat id-donazzjoni.*

*B'hekk inkunu nistghu nsiru nafu jekk dak li ddispona minnu d-decujus (kemm matul hajtu u wkoll permezz ta' disposizzjonijiet testamentarji) jaqbizx is-sehem li minnu seta' jiddisponi. Tant hu hekk li l-Artikolu 648(c) jipprovdi li "is-sehem li t-testatur seta' jaghmel minnu jitqies fuq l-assi hekk migbur, billi jittiehed qies tal-jeddijiet ta' dawk li ghandhom jedd b'liġi ta' sehem mill-beni tieghu, skont id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 615 sas-646". F'każ li jaqbez is-sehem li seta' jiddisponi minnu, ikun hemm leżjoni ta' leġittima. Pero' f'dan l-ezercizzju wiehed irid ukoll jikkunsidra legati li setghu thallew lil min ghandu d-dritt ghas-sehem riservat (legittimarju) u dak li seta' rcieva minghand it-testatur inter vivos u li hu soggett ghall-kollazzjoni sabiex jigi stabbilit jekk is-sehem rizervat thallsitx (Artiklu 620(4) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16)). Imbaghad fejn dak li ddispona minnu t-testatur jaqbez is-sehem disponibbli, irid isir l-ezercizzju maghruf bhala riduzzjoni skont id-disposizzjonijiet 650-653 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16)."*

*Legittima Maria Portelli:*

*Assi fil-Komunjoni:*

Nofs indiviz mis-segwenti:

1. Plot 'Tal-Pejxa', Triq Piju Cellini, Nadur, Ghawdex **(valur 1990: €18,800)**;
2. Plot iehor 'tal-Pejxa', fi Triq Piku Cellini, Nadur (**valur 1990: €40,600)**;
3. Mahzen, Triq ta' Hida, Nadur, Ghawdex **(valur 1990: €58,300)**;
4. 32, Triq ta' Hida Nadur **(valur 1990: €163,300)**;
5. Art fuq wara ta '32, Triq ta' Hida, Nadur **(valur 1990: €23,300)**

6. Raba' 'Tal-Wilga', Triq ta' Bordin, Xewkija, Ghawdex **(valur 1990: 50,000)**;
7. Raba' 'Tal-Bitha', Triq il-Qala, Ghajnsielem, Ghawdex **(valur 1990: €23,300)**;
8. Raba' ohra 'Tal-Bitha', Triq il-Qala, Ghajnsielem, Ghawdex **(valur 1990: €11,700)**;
9. Raba' 'Ta' Fuq ta' Majza', Nadur, Ghawdex drabi ohra maghruf wkoll bhala 'Id-Dahla tal-Hanaq' **(valur 1990: €1,000)**;
10. Raba' 'Ta' Majza' maghruf wkoll bhala 'Ta Pastollina', Nadur **(valur 1990: €200)**;
11. Raba' 'Ta Majza' maghrufa wkoll nhala 'Ta Gadura', Nadur **(valur 1990: €500);**
12. Raba' 'Ta' Majza' maghrufa wkoll bhala 'Ta' Zeppu', Nadur, Ghawdex **(valur 1990: €800);**
13. Raba' 'Ta' Majza' maghruf wkoll bhala 'Il-Habel tal-Kamra', Nadur, Ghawdex **(valur 1990: €1,300);**
14. Raba' 'Ta' Majza', maghrufa wkoll bhala 'Ta Fuq ir-Rih tal-Hofra', Nadur, Ghawdex **(valur 1990: €500)**;
15. Raba' 'Ta' Majza', Nadur **(valur 1990: €1500)**;
16. Raba' Ta' Majza' maghrufa wkoll bhala 'Tal-Medda', Nadur **(valur 1990: € 1,700)**;
17. Raba' 'Ta' Majza' maghrufa wkoll bhala 'Taz-Zunzan', Nadur **(valur 1990: €700)**;
18. Raba' Ta' Majza' maghurfa wkoll bhala 'Tax-Xiha', Nadur **(valur 1990: €1,000)**;
19. Raba' ohra 'Ta' Majza', Nadur **(valur 1990: €3,000)**;
20. Raba 'Ta' Majza' maghrufa wkoll bhala 'Tal-Habel tad-Dwieli', Nadur **(valur 1990: €1,700)**;
21. Raba ulterjuri 'Ta' Majza', Nadur **(valur 1990: € 1,300)**;
22. Raba' 'Tac-Conk', Nadur, Ghawdex **(valur 1990: €900)**;
23. Raba' ohra 'Tac-Conk', Nadur, Ghawdex **(valur 1990: € 400)**;
24. Raba' 'Ta' Majza' maghruf wkoll bhala 'Tal-Kiesah t'Isfel', Nadur, Ghawdex **(valur 1990: € 2,600)**;
25. Raba' 'Tal-Hanaq', Nadur, Ghawdex **(valur 1990: € 3,000)**;
26. Raba' 'Ta' Patist', Nadur, Ghawdex **(valur 1990: € 700)**;

27.Raba' 'Ta' Pastul', 'Tar-Ramla' sive 'Ta' Ghajn Qasab', Nadur, Ghawdex **(valur 1990: € 700)**;
28.Raba' 'Tat-Tork', 'Tar-Ramla' sive 'Ta' Ghajn Qasab', Nadur, Ghawdex **(valur 1990: € 700)**;
29.Raba' 'Ta' Ghajn Qasab', Triq ir-Ramla, Nadur, Ghawdex **(valur 1990: € 400)**;
30.Raba' ohra 'Ta' Ghajn Qasab', Triq ir-Ramla, Nadur, Ghawdex **(valur 1990: € 500)**;
31.Raba' ulterjuri 'Ta' Ghajn Qasab', Triq ir-Ramla, Nadur, Ghawdex **(valur 1990: € 200)**;
32.Raba' 'Tar-Ramla ta' Fuq, 'Tar-Ramla' sive 'Ta' Ghajn Qasab', Nadur, Ghawdex **(valur 1990: € 500)**;
33.Raba' 'Ta' Wied Bingemma', Nadur, Ghawdex **(valur 1990: € 800)**;
34.Raba' ohra 'Ta' Wied Bingemma', Nadur, Ghawdex **(valur 1990: € 700)**;
35.Raba' 'Ta' Wied Xhajma', Nadur, Ghawdex **(valur 1990: 400)**

**Valur Totali 1990: €417,000.**
**Nofs il-valur totali tal-immobbli: €208, 500.**

Kien hemm ukoll is-somma ta' €56,589.01 sehemha minn kontijiet bankarji kif isegwi:

1. 50% NSB Investment Account 106068544 - **€2,043.05**;
2. 50% NSB Investment Account 106068545 - **€2,750.22**;
3. 50% MMB X133967 - **€7,195.60**;
4. 50% Pitkali Cheque - **€791.22**;
5. 50% Pitkali Cheque - **€983.21**;
6. 50% Cheque CBM - **€1,774.42**;
7. 50% Cheque MMB - **€3,434.89**;
8. 50% MGSB - **€1,412.18**;
9. 50% Ghamara - **€80.36**;
10.50% MMB - **€4,658.75**;
11.50%MMB - **€1,164.69**;
12.50% Mini Minor - **€582.34**;

13.50% MMB X100776 - **€15,637.15**;
14.50% Aggregation - **€4,658.75**;
15.50% Aggregation- **€4,658.75**;
16.50% Aggregation- **€4,658.75**;
17.Savings- **€104.68**.

**Total €56,589.01**

Illi dwar il-kontijiet bankarji fl-atti l-partijiet qablu fl-atti li ghandu jitnaqqas minnhom ic-cekkijiet tal-pitkalija ndikati fl-ammont ta' €791.22 u €983.21 b'dana li l-assi mobbli ta' Maria Portelli jonqsu ghall-ammont ta' €54,814.58. Illi izda l-Qorti ma taqbilx mal-argument ta' uhud mill-partijiet li l-valur tal-vettura mini minor ghandu jigi eskluz mill-assi mobbli u dan stante li ghalkemm verament illum jista' jigi kunsidrat li l-vettura ma ghandha l-ebda valur, fil-mument tal-mewt ta' Maria Portelli din il-vettura kien ghad ghandha valur u huwa dak il-mument li din il-Qorti trid tiehu ai fini ta' kalkolu ta' legittima.

Illi jirrizulta in oltre mill-atti li wara l-mewt ta' Salvatore Portelli, Maria Portelli bieghet in-nofs indiviz taghha ta' bosta fondi tal-komunjoni tal-akkwisti kif ukoll il-fond parafernali taghha msejjha tad-Duru. Huwa ghalhekk ovvju li sabiex jigu stabbiliti l-assi ereditarji ta' Maria Portelli u l-valur taghhom iridu jigu jdentifikati l-assi mibjugha minn Maria Portelli ghal dak li huwa sehem taghha mill-Perit Tekniku Alan Saliba fil-valutazzjonijiet tieghu ghandhom jigu eskluzi kif isegwi:

Immobbli li ghandhom jigu eskluzi ai fini tal-valur tal-assi derivanti mill-komunjoni tal-akkwisti:

1. Nofs indiviz ta' Bicca raba' imsejha 'Tax-Xiha', tal-kejl ta' madwar erba' (4) sieghan, fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex li tikkonfina Tramuntana ma' passagg Pubbliku, Nofsinhar ma' sqaq pubbliku, u Punent ma' beni ta' Angelo Buttigieg mhollija b'legat lil ibnu Pietru Portelli **valur fis-sena 1990 - €1000** (nofs valur €500)**;**

2. Nofs indiviz Mahzen, Triq ta' Hida, Nadur, Ghawdex **valur fis-sena 1990 - €58,300** (nofs valur €29,150);
3. Nofs indiviz Raba' 'Tal-Wilga', Triq ta' Bordin, Xewkija, Ghawdex **valur fis-sena 1990 - €50,000** (nofs valur €25,000);
4. Nofs indiviz Raba' 'Ta' Fuq ta' Majza', Nadur, Ghawdex drabi ohra maghruf wkoll bhala 'Id-Dahla tal-Hanaq' **valur fis-sena 1990 - €3,000** (nofs valur €1500);
5. Nofs indiviz Raba' 'Ta' Majza' maghruf wkoll bhala 'Tal-Medda', Nadur, Ghawdex **valur fis-sena 1990 - €1700** (nofs valur €850);
6. Nofs indiviz Raba' 'Ta' Majza' maghruf wkoll bhala 'Tal-Habel tad-Dwieli, Nadur, Ghawdex **valur fis-sena 1990 - €1500** (nofs valur €750);
7. Nofs indiviz Raba' 'Ta' Patist', Nadur, Ghawdex **valur fis-sena 1990 - €700** (nofs valur €350);
8. Nofs indiviz Raba' 'Tat-Tork', 'Tar-Ramla' sive 'Ta' Ghajn Qasab', Nadur, Ghawdex **valur fis-sena 1990 - €700** (nofs valur €350);

**Total ta' valur ta' proprjeta' li jrid jigi eskluz: €58,450**

Jirrizulta wkoll illi l-proprjeta' identifikata mill-esperti legali u tekniku bhala proprjeta' parafernali tal-omm Maria Portelli (ara fol. 445 tal-process formanti parti mir-rapport) maghrufa bhala 'Tad-Duru' giet mibjugha minn Maria Portelli w'ghalhekk ma tifformax parti mill-assi ereditarji taghha (ara fol. 600 et seq tal-process).

Ghaldaqstant il-valur tal-immobbli ghal dak li huwa l-valur ta' nofs il-komunjoni tal-akkwisti ta' Maria Portelli ghandu jonqos bis-somma ta' €59,200 ghas-somma ta' (€208,500 - €58,450) €150,050.

Dwar il-kalkolu tal-legittima dovuta l-partijiet jaqblu li din ghandha tkun fil-valur ta' wiehed minn sittax (1/16) ghalkemm il-partijiet ma jaqblux bejniethom fis-sottomissjonijiet taghhom dwar jekk dan ghandux ikun f'sehem mill-fondi mmobbiljari jew fi flus. Dan oltre l-legat ta' tmien mitt Lira (Lm 800) fi flus kontanti kull wiehed.

Jirrizulta ghalhekk li ai fini tal-kalkolu tal-legittima fuq l-eredita' ta' Marija Portelli ghandhom jittiehdu l-valuri segwenti:

€150,050 (valur proprjeta' immobbli tal-komunjoni li kienet ghadha proprjeta' tad-decujus Maria Portelli mal-mewt)
€54,814.58 (assi mobbli)

---

€204,864.58 (Total)
€753.67 nieqes il-valur tal-funeral

---

€204,110.91

Fid-dawl tan-numru tal-ulied ta' Maria Portelli, il-legittima ghandha tigi kkalkolata fuq nofs il-valur tal-assi ereditarji cioe' €102,055.45 b'dana li legittima ta' 1/16 dovuta lil kull wild tammonta ghal €12,756.93.

*Legittima mill-assi ta' Salvu Portelli:*

Illi skont dak iddikjarat mill-periti legali u tekniku, l-eredita' partikolari tal-mejjet Salvu Portelli li gie nieqes nhar it-8 ta' Jannar, 1983, tinkludi s-segwenti assi:

*Komunjoni:*

Nofs indiviz mis-segwenti:

**IMMOBBLI:**

1. Plot 'Tal-Pejxa', Triq Piju Cellini, Nadur, Ghawdex **(valur 1983: €4,700)**;
2. Plot iehor 'tal-Pejxa', fi Triq Piku Cellini, Nadur **(valur 1983 €10,200)**;
3. Mahzen, Triq ta' Hida, Nadur, Ghawdex **(valur 1983: €29,200)**;
4. 32, Triq ta' Hida Nadur **(valur 1983: €81,700)**;
5. Art fuq wara ta '32, Triq ta' Hida, Nadur **(valur 1983: €11,700);**

6. Raba' 'Tal-Wilga', Triq ta' Bordin, Xewkija, Ghawdex **(valur 1983: €25,0000)**;
7. Raba' 'Tal-Bitha', Triq il-Qala, Ghajnsielem, Ghawdex **(valur 1983: €11,700)**;
8. Raba' ohra 'Tal-Bitha', Triq il-Qala, Ghajnsielem, Ghawdex **(valur 1983: €5,800)**;
9. Raba' 'Ta' Fuq ta' Majza', Nadur, Ghawdex drabi ohra maghruf wkoll bhala 'Id-Dahla tal-Hanaq' **(valur 1983: €500)**;
10. Raba' 'Ta' Majza' maghruf wkoll bhala 'Ta Pastollina', Nadur **(valur 1983: €100)**;
11. Raba' 'Ta Majza' maghrufa wkoll bhala 'Ta Gadura', Nadur **(valur 1983: € 300);**
12. Raba' 'Ta' Majza' maghrufa wkoll bhala 'Ta' Zeppu', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: €400);**
13. Raba' 'Ta' Majza' maghruf wkoll bhala 'Il-Habel tal-Kamra', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 700);**
14. Raba' 'Ta' Majza', maghrufa wkoll bhala 'Ta Fuq ir-Rih tal-Hofra', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: €300)**;
15. Raba' 'Ta' Majza', Nadur **(valur 1983: €800)**;
16. Raba' Ta' Majza' maghrufa wkoll bhala 'Tal-Medda', Nadur **(valur 1983: €900)**;
17. Raba' 'Ta' Majza' maghrufa wkoll bhala 'Taz-Zunzan', Nadur **(valur 1983: €300)**;
18. Raba' Ta' Majza' maghurfa wkoll bhala 'Tax-Xiha', Nadur **(valur 1983: €500, 1990: €1,000 2011: €3,000)**;
19. Raba' ohra 'Ta' Majza', Nadur **(valur 1983: € 1,500)**;
20. Raba 'Ta' Majza' maghrufa wkoll bhala 'Tal-Habel tad-Dwieli', Nadur **(valur 1983: € 800)**;
21. Raba ulterjuri 'Ta' Majza', Nadur **(valur 1983: € 700)**;
22. Raba' 'Tac-Conk', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: €500)**;
23. Raba' ohra 'Tac-Conk', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: €200)**;
24. Raba' 'Ta' Majza' maghruf wkoll bhala 'Tal-Kiesah t'Isfel', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 1,300)**;
25. Raba' 'Tal-Hanaq', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 1,500)**;
26. Raba' 'Ta' Patist', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: €400)**;

27. Raba' 'Ta' Pastul', 'Tar-Ramla' sive 'Ta' Ghajn Qasab', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 400)**;
28. Raba' 'Tat-Tork', 'Tar-Ramla' sive 'Ta' Ghajn Qasab', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 400)**;
29. Raba' 'Ta' Ghajn Qasab', Triq ir-Ramla, Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 200)**;
30. Raba' ohra 'Ta' Ghajn Qasab', Triq ir-Ramla, Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 300)**;
31. Raba' ulterjuri 'Ta' Ghajn Qasab', Triq ir-Ramla, Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 100)**;
32. Raba' 'Tar-Ramla ta' Fuq, 'Tar-Ramla' sive 'Ta' Ghajn Qasab', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 300)**;
33. Raba' 'Ta' Wied Bingemma', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 400)**;
34. Raba' ohra 'Ta' Wied Bingemma', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 300)**;
35. Raba' 'Ta' Wied Xhajma', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 200)**

**Valur Totali 1983: € 194,300**
**Total valur nofs immobbli: €97,150.00**
**Mobbli:**

1. savings account MMB714403990 - **€400.58**;
2. 50% fixed deposit MMBI123365 - **€1,164.69**;
3. 50% fixed deposit MMB X106973 - **€4,658.75**;
4. 50% mini minor - **€291.17**;
5. 50% Aggregation - **€4,658.75**;
6. 50% Aggregation - **€4,658.75**;
7. 50% Aggregation - **€4,658.75**;
8. 50% Savings MMB 114404 - **€104.68**;
9. 50% Cheque CBM - **€1,774.42**;
10. 50% MMB X112 - **€3295.13**;
11. 50%MGSB - **€470.84**;
12. 50% Ghamara - **€80.36**;
13. 50% MMB Savings - **€400.33**;
14. 50% MMB X100776 - **€15,637.15**;
15. Aggregations from Sale - **€13,976.24**;

16.Investment 106.068.544 - **€2,595.88**.

Total mobbli: €58,826.47

Minn dak espost fl-atti gia nghad li ghandhom jigu eskluzi mill-mobbli l-valuri taz-zewg cekkijiet tal-pitkali u l-kont bankarju li d-decujus kellu ma' ibnu Joseph Portelli).

Jirrizulta ghalhekk li ai fini tal-kalkolu tal-legittima fuq l-eredita' ta' Salvatore Portelli ghandhom jittiehdu l-valuri segwenti:

€97,150 (valur nofs il-proprjeta' immobbli tal-komunjoni mal-mewt ta' Salvatore Portelli
€58,826.47 (assi mobbli)

---

€155,976.47 (Total)
€882.37 nieqes il-valur tal-funeral

---

€155,094.10

Fid-dawl tan-numru tal-ulied ta' Salvatore Portelli, il-legittima ghandha tigi kkalkolata fuq nofs il-valur tal-assi ereditarji cioe' 77,547.05 b'dana li legittima ta' 1.16 dovuta lil kull wild tammonta ghal €9,693.38.

Illi ghaldaqstant ai termini u b'referenza ghat-tabbella dwar legati mhollija formanti parti mir-rapport tal-Perit legali u tekniku a fol. 457 tal-process:

**Legati:**

Marija Portelli halliet b'legat proprjeta' b'nofs il-valur totali ta' €105,950 .

Salvu Portelli halla b'legat proprjeta' b'nofs il-valur totali ta' €50,750.

*Emenda Skedi:*

Illi in vista ta' dak kollu suespost l-iskeda F redatta mill-esperti legali u tekniku reattivi ghall-assi, legittima u legati ta' Salvatore Portelli trid tigi korretta kif isegwi:

Skeda F:

Salvatore Portelli

ASSI

| | |
|---|---|
| Sehem mill-kommunjoni tal-Akkwisti – Proprjeta' Immobbli | € 97,150 |
| Sehem mill-Kontijiet Bankarji ecc. | €58, 826.47 |
| | €155,976.47 |
| Dejn –Spejjez Funebri | €882.37 |
| | €155,094.10 |

LEGITTIMA

| | |
|---|---|
| Legittima ½ | €77,547.05 |
| Legittima 1/16 | €9,693.38 |

LEGATI

| | |
|---|---|
| Valur tal-Legati – Proprjeta' Immobbli | €50,750 |
| Valur tal-Legati favur Rita Portelli u Kathleen Mazzotta | €1,863.50 |
| | €52,613.50 |

Filwaqt li l-iskeda G trid tigi emendata kif isegwi:

**Skeda G:**

**Maria Portelli**

**ASSI**

| | |
|---|---|
| Sehem mill-kommunjoni tal-Akkwisti – Proprjeta' Immobbli | €150,050 |
| Sehem mill-Kontijiet Bankarji ecc. | €54, 814.58 |
| (kif deciz aktar 'il fuq assi mmobbli parafernali ghandhom jigu eskluzi stante li thallew bhala hlas ghal servigi w'ghalhekk bhala dejn tal-eredita' lil Paolo Portelli – filwaqt li l-proprjeta' l-ohra ndikata mill-esperti giet mibjugha inter vivos minn Maria Portelli) | |
| | €204,864.58 |
| Dejn –Spejjez Funebri | €753.67 |
| | €204,110.91 |

**LEGITTIMA**

| | |
|---|---|
| Legittima ½ | €102,055.45 |
| Legittima 1/16 | €12,756.93 |

**LEGATI**

| | |
|---|---|
| Valur tal-Legati – Proprjeta' Immobbli | €105,950 |
| Valur tal-Legati favur Rita Portelli u Kathleen Mazzotta | €1,863.50 |
| (Kif gia suespost il-legati favur Paolo Portelli jitqiesu bhal dejn tal-eredita') | |
| | €107,813.50 |

Illi jirrizulta ghalhekk mill-iskedi kif suesposti emendati illi filwaqt li l-missier Salvatore Portelli halla legati f'valur li ma jizboqx il-valur tal-legittima da parti taghha Maria Portelli halliet legati f'valur li jizboq il-valur tal-legitima w'allura fil-kaz ta' Maria Portelli hemm lezjoni ta' legittima kif tispjega u tiddetta l-ligi.

**Kalkolu legittima dovuta lil Rita Portelli u Katleen Mazzotta:**

**a) Salvatore Portelli:**

Illi ghaldaqstant fir-rigward tal-wirt tal-missier Salvatore Portelli u in linea wkoll ma' dak gia deciz minn din il-Qorti diversament preseduta fil-provvediment taghha precedenti datat 26 ta' Settembru 2007 fl-atti tal-kawza (ara fol. 139 et seq) jirrizulta:

i. Illi l-legittimarji Rita Portelli u Kathleen Mazzotta ma jistghux jircievu porzjon in natura tal-immobbli li thallew b'titolu ta' legat favur id-diversi legatarji stante li ma tirrizultax lezjoni tal-legittima;

ii. Madanakollu skont l-istess provvediment fir-rigward tal-missier Salvatore Portelli, id-dritt tal-legittimarji huwa ta' 1/16 kull wiehed mis-sehem tal-missier tal-valur tal-immobbli mhollija b'legat liema valur ghandu jkun dak fi zmien l-apertura tas-successjoni. Il-valur tas-sehem tal-missier fi zmien il-mewt tieghu huwa ta' €50,750 (Skeda F suesposta) u ghalhekk kull wiehed mil-legittimarji ghandha d-dritt tircievi s-somma ta' €3171.87.

iii. Illi l-legittimarji Rita Portelli u Kathleen Mazzotta ghandhom ukoll dritt, kull wahda minnhom, ghal sehem in natura ekwivalenti ghal 1/16 mis-sehem tal-missier ta' dik il-proprjeta' immobbli li ma gietx imhollija b'legat. Ghall-finijiet ta' valur, tenut kont illi l-valur ghandu jkun dak taz-zmien l-iktar qrib tas-sentenza u stante li din il-Qorti fl-atti l-aktar valur qrib huwa dak tas-sena 2011 jekwivali ghal (€820,900 [1]/ 2 / 16) cioe' li jekwivali ghas-somma ta' €25,653.12 kull wahda.

iv. Il-legittimarji Rita Portelli u Kathleen Mazzotta ghandhom ukoll dritt, kull wahda minnhom, ghal sehem ekwivalenti ghal 1/16 ta' sehem il-missier mill-assi kollha l-ohra oltre dawk immobbli u cioe' (€58,826.47[2]/16) s-somma ta' €3,676.65 kull wahda.

---

[1] Skeda I esebita a fol. 459 u 460.
[2] Skeda F suesposta.

**(b) Marija Portelli:**

(i) Illi fir-rigward tal-wirt tal-omm Maria Portelli u skont kif gia deciz minn din il-Qorti diversament preseduta jinghad illi ai termini tal-artikolu 10 (ii) tal-provvediment ghandu jsir ezercizzju tar-riduzzjoni tad-disposizzjonijiet testamentarji ai termini tal-artikolu 651 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u f'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghar-rapport tal-Periti legali u teknici partikolarment a fol. 398 sa 400 tal-process mill-paragrafu li jibda 'Fir-rigward tal-wirt tal-omm Maria Portelli . .' sal-paragrafu li jispicca 'jircevuh in-natura.'

B'dana izda li l-Qorti tvarja l-ammont ta' legittima dovuta wara reintegrazzjoni stante li gie deciz illum li l-proprjeta' immobbli parafernali ta' Maria Portelli derivanti mill-wirt ta' ommha u missierha ma ghandhiex tigi nkluza mal-assi ta' Maria Portelli (in vista li jirrizultaw li huma dovuti bhala hlas ta' servigi lil Paolo Portelli u ghalhekk jekwivalu ghal dejn tal-eredita'). Jigi ghalhekk specifikat li l-legittima dovuta taht il-paragrafu c tekwivali ghal (€1,548,400/2/16) €48,387.50 kull wiehed.

(ii) In oltre l-legittimarji Rita Portelli u Kathleen Mazzotta ghandhom ukoll dritt, kull wahda minnhom, ghal sehem ekwivalenti ghal 1/16 ta' sehem l-omm mill-assi kollha l-ohra oltre dawk immobbli, u cioe' s-somma ta' (€54,814.58/16) €3425.91.

**Pjan ta' Qasma bejn is-sitt eredi:**

Illi filwaqt li bosta mill-partijiet/eredi jishqu li ghandu jigi assenjat lilhom fil-porzjon tal-eredita' dovuta lilhom dik il-proprjeta' li gia tinsab f'idejh/a, mill-atti ghalkemm jirrizulta li whud mill-proprjeta' tinsab ghand xi parti jew ohra, sfortunatament jirrizulta wkoll li meta lura fil-21 ta' Ottubru, 2011 l-esperti legali u tekniku prezentaw ir-rapport taghhom (fol. 387 et seq) huma naqsu milli jressqu pjan ta' qasma (li kien mistenni li jevidenzja wkoll min mill-partijiet ghandu f'idejh liema proprjeta') flimkien mar-rapport

taghhom ghalkemm dan evidentement kien parti mill-inkarigu moghti lilhom.

Sfortunatament ukoll rizultat tal-hafna dewmien fil-kawza odjerna u bdil ta' gudikanti fil-frattemp din il-Qorti kif preseduta fl-ebda hin ma ngabet a konjizzjoni ta' dan il-fatt sahansitra meta l-partijiet ghalqu l-provi taghhom u talbu li l-kawza tmur ghad-decizjoni. Rizultat ta' dan din il-Qorti, kif sprovvista minn pjan ta' qasma adegwat sabiex almenu hija jkollha bazi fuq x'hiex tiddeciedi dwar kif il-proprjetajiet hekk dikjarati formanti parti mill-assi ereditarji ghandhom jigu divizi u assenjati, f'dan l-istadju mihjiex f'pozizzjoni li tasal ghal decizjoni dwar it-tmien u disa' talbiet attrici li appuntu jitolbu kif isegwi:

*'8. Wara li jithallsu l-legittimi u l-legati u ssir l-immissjoni fil-pussess ta' l-istess legati, ma ghandux ir-residwu tal-assi ereditarju ta' Salvu Portelli kif wkoll dak tal-assi ereditarju ta' Maria Portelli jigi diviz f'sitt porzjonijiet ugwali u dawn assenjati porzjoni kull wiehed lis-sitt kontendenti l-ohra;*

*9. Jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjonijiet u divizjoni kif mitluba, nutar biex jippubblika l-att opportun fil-hin lok u gurnata li jigu ffissati minn din il-Qorti u kuraturi deputati ghall-eventwali kontumaci.'*

In oltre ai fini ta' dawn l-ahhar zewg talbiet il-Qorti tqis li l-partijiet ghandhom japprofondixxu wkoll il-kwistjoni tal-qbiela pretiza minn Paolo Portelli favur tieghu fuq raba' formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti allegatament mikrija lilu (nkluz il-porzjon tal-missier) mill-omm Maria Portelli wara l-mewt tal-missier.

Ghaldaqstant din il-Qorti ser tghaddi sabiex taghti decizjoni fuq l-ewwel sas-seba' talba attrici u tiddiferixxi s-smiegh tal-kawza ghal dak li fadal li jsir dwar it-tmien u d-disa' talbiet attrici.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' w'tiddeciedi din il-kawza *in parte* kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tillikwida l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti gia ezistenti bejn il-konjugi Salvu u Maria Portelli billi tiddikjara li dawn jikkonsistu f'dawk il-beni segwenti:

**(A) IMMOBBLI:**

1. Plot 'Tal-Pejxa', Triq Piju Cellini, Nadur, Ghawdex **(valur 1983: €4,700, 1990: €18,800, 2011: €150,000)**;
2. Plot iehor 'tal-Pejxa', fi Triq Piku Cellini, Nadur **(valur 1983 €10,200: 1990: €40,600 2011: €325,000)**;
3. Mahzen, Triq ta' Hida, Nadur, Ghawdex **(valur 1983: €29,200 1990: €58,300 2011: €175,000)**;
4. 32, Triq ta' Hida Nadur **(valur 1983: €81,700 1990: €163,300 2011: 490,000)**;
5. Art fuq wara ta '32, Triq ta' Hida, Nadur **(valur 1983: €11,700 1990: €23,300, 2011: €70,000);**
6. Raba' 'Tal-Wilga', Triq ta' Bordin, Xewkija, Ghawdex **(valur 1983: €25,000, 1990: 50,000, 2011: 150,000)**;
7. Raba' 'Tal-Bitha', Triq il-Qala, Ghajnsielem, Ghawdex **(valur 1983: €11,700, 1990: €23,300, 2011: €70,000)**;
8. Raba' ohra 'Tal-Bitha', Triq il-Qala, Ghajnsielem, Ghawdex **(valur 1983: €5,800 1990: €11,700, 2011: €35,000)**;
9. Raba' 'Ta' Fuq ta' Majza', Nadur, Ghawdex drabi ohra maghruf wkoll bhala 'Id-Dahla tal-Hanaq' **(valur 1983: €500, 1990: €1,000 2011: €3,000)**;
10. Raba' 'Ta' Majza' maghruf wkoll bhala 'Ta Pastollina', Nadur **(valur 1983: €100 1990: €200 2011: €700)**;
11. Raba' 'Ta Majza' maghrufa wkoll nhala 'Ta Gadura', Nadur **(valur 1983: € 300, 1990: €500, 2011: € 1,500);**

12. Raba' 'Ta' Majza' maghrufa wkoll bhala 'Ta' Zeppu', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: €400, 1990: €800, 2011: € 2,300);**
13. Raba' 'Ta' Majza' maghruf wkoll bhala 'Il-Habel tal-Kamra', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 700, 1990: €1,300, 2011: € 4,000);**
14. Raba' 'Ta' Majza', maghrufa wkoll bhala 'Ta Fuq ir-Rih tal-Hofra', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: €300, 1990: €500 2011: €1,500)**;
15. Raba' 'Ta' Majza', Nadur **(valur 1983: €800, 1990: €1500, 2011: €4,500)**;
16. Raba' Ta' Majza' maghrufa wkoll bhala 'Tal-Medda', Nadur **(valur 1983: €900, 1990: € 1,700, 2011: € 5,200)**;
17. Raba' 'Ta' Majza' maghrufa wkoll bhala 'Taz-Zunzan', Nadur **(valur 1983: €300, 1990: €700, 2011: €2,000)**;
18. Raba' Ta' Majza' maghurfa wkoll bhala 'Tax-Xiha', Nadur**(valur 1983: €500, 1990: €1,000 2011: €3,000)**;
19. Raba' ohra 'Ta' Majza', Nadur **(valur 1983: € 1,500, 1990: €3,000, 2011: € 9,000)**;
20. Raba 'Ta' Majza' maghrufa wkoll bhala 'Tal-Habel tad-Dwieli', Nadur **(valur 1983: € 800, 1990: €1,700 2011: € 5,000)**;
21. Raba ulterjuri 'Ta' Majza', Nadur**(valur 1983: € 700, 1990: € 1,300 2011: €4,000)**;
22. Raba' 'Tac-Conk', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: €500, 1990: €900 2011: €2,700)**;
23. Raba' ohra 'Tac-Conk', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: €200, 1990: € 400, 2011: € 1,200)**;
24. Raba' 'Ta' Majza' maghruf wkoll bhala 'Tal-Kiesah t'Isfel', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 1,300, 1990: € 2,600, 2011: € 7,700)**;
25. Raba' 'Tal-Hanaq', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 1,500, 1990: € 3,000, 2011: €9,000)**;
26. Raba' 'Ta' Patist', Nadur, Ghawdex**(valur 1983: €400, 1990: € 700, 2011: € 2,200)**;
27. Raba' 'Ta' Pastul', 'Tar-Ramla' sive 'Ta' Ghajn Qasab', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 400, 1990: € 700, 2011: €2,200)**;
28. Raba' 'Tat-Tork', 'Tar-Ramla' sive 'Ta' Ghajn Qasab', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 400, 1990: € 700, 2011: € 2,100)**;
29. Raba' 'Ta' Ghajn Qasab', Triq ir-Ramla, Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 200, 1990: € 400, 2011: € 1,300)**;

30. Raba' ohra 'Ta' Ghajn Qasab', Triq ir-Ramla, Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 300, 1990: € 500, 2011: € 1,500)**;
31. Raba' ulterjuri 'Ta' Ghajn Qasab', Triq ir-Ramla, Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 100, 1990: € 200, 2011: € 700)**;
32. Raba' 'Tar-Ramla ta' Fuq, 'Tar-Ramla' sive 'Ta' Ghajn Qasab', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 300, 1990: € 500, 2011: € 1,600)**;
33. Raba' 'Ta' Wied Bingemma', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 400, 1990: € 800, 2011: € 2,300)**;
34. Raba' ohra 'Ta' Wied Bingemma', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 300, 1990: € 700, 2011: € 2,000)**;
35. Raba' 'Ta' Wied Xhajma', Nadur, Ghawdex **(valur 1983: € 200 1990: 400, € 2011: € 1,200**

Valur Totali: **1983: €194,300, 1990: €417,000 u 2011: €1,548,400.**

**MOBBLI:**

Tiddikjara li sehem mill-kontijiet bankarji u assi ohra mobbli:

(i) Ta' Salvatore Portelli mal-mewt jammonta ghas-somma ta' €58, 826.47 (ara skeda F suesposta);
(ii) Ta' Maria Portelli mal-mewt jammonta ghas-somma ta' €54,814.58 (ara skeda G suesposta).

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tiddikjara li l-assi mmobbli tal-komunjoni tal-akkwisti ndikati fil-paragrafu 1 suespost tad-*decide* ghandhom jigu divizi f'zewg porzjonijiet ugwali li jigu assenjati porzjoni lill-assi ereditarji tal-mejjet Salvatore Portelli u l-porzjoni l-iehor lill-assi ereditarji ta' Maria Portelli filwaqt li l-assi mobbli ghandhom jigu assenjati bil-valur kif indikat fil-paragrafu tad-decide suespost intitolat MOBBLI (i) u (ii) rispettivament;

3. Tilqa' t-tielet talba attrici u tiddikjara li l-assi ereditarji ta' Salvu Portelli jikkonsistu f'nofs l-assi mmobbli tal-komunjoni tal-akkwisti kif decizi u elenkati fil-paragrafu 1 tad-dan id-*decide* suespost flimkien mal-valur tal-

assi mobbli kif indikat ukoll fil-paragrafu 1 suespost taht il-paragrafu ntitolat MOBBLI (i) bil-valur kif indikat fl-iskeda F suesposta f'din id-decizjoni. Ma tressqet l-ebda prova dwar assi ereditarji parafernali ta' Salvu Portelli;

4. Tilqa' r-raba' talba attrici u tiddikjara li l-assi ereditarji ta' Maria Portelli jikkonsistu f'nofs l-immobbli tal-komunjoni tal-akkwisti kif decizi u elenkati fil-paragrafu 1 tad-*decide* suespost eskluzi izda dawk il-proprjetajiet li hija ddisponiet minnhom qabel il-mewt kif elenkat aktar 'il fuq f'din id-decizjoni taht it-titolu **'Immobbli li ghandhom jigu eskluzi ai fini tal-valur tal-assi derivanti mill-komunjoni tal-akkwisti** 'flimkien mal-valur tal-assi mobbli kif indikat ukoll fil-paragrafu 1 suespost tad-*decide* taht il-paragrafu ntitolat MOBBLI (ii) bil-valur kif indikat fl-iskeda G suesposta f'din id-decizjoni.

Dwar l-assi parafernali ta' Maria Portelli tiddikjara li dawn jikkonsistu f'dawk l-assi jdentifikati fil-kuntratt ta' divizjoni datat 3 ta' Novembru, 2016 fl-atti tan-Nutar Dottor Valerie Said (referenza ghalih suesposta u esebit a fol. 723 tal-process) bhala appartenenti lil Maria Portelli b'dana izda tiddikjara li dawn l-assi parafernali jikkonsistu proprjament f'dejn a favur Paolo Portelli ghal servigi rezi minnu lil ommu Maria Portelli ai termini tat-testment taghha datat 29 ta' Lulju, 1989 (esebit a fol. 21 et seq tal-process) w'ghaldaqstant ma ghandhomx jitqiesu ghall-fini ta' kalkolu ta' legittima.

5. Tilqa' l-hames, is-sitt u s-seba' talbiet attrici u tghaddi sabiex tillikwida l-legittima mhollija lil Rita Portelli u Kathleen Mazzotta mill-eredita' ta' Salvu Portelli u Maria Portelli kif suespost f'din id-decizjoni taht it-titolu **'Kalkolu legittima dovuta lil Rita Portelli u Katleen Mazzotta'** u tordna li ghandhom jithallsu lill-istess Rita Portelli u Kathleen Mazzotta kif indikat fl-istess titolu.

Illi fir-rigward tat-tmien u d-disa' talbiet attrici (din tal-ahhar erronjament indikata fic-citazzjoni bin-numru 4) ghar-ragunijiet suesposti u fin-nuqqas ta' pjan ta' qasma fl-atti l-Qorti tiddiferixxi s-smiegh tal-kawza ghal dak li

jonqos isir dwar it-tmien u d-disa' talba attrici ghas-seduta tat-2 ta' Mejju, 2019 tissejjah fid-9.00a.m.

Bl-ispejjez jibqghu riservati ghal mad-decizjoni finali.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur